## Minuti tas-sbatax (17)-il laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Nadur
## Nhar il-Ħamis 18 ta' April, 2013 fil-5:00 p.m.

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Charles Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Josianne Cutajar | Kunsillier |
| Maria Natoli | Kunsillier |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsillier |
| *Rita Mifsud Attard* | *Segretarju Eżekuttiv* |

---

1. **Talba.** Il-laqgħa bdiet bit-talba.

2. **Merħba.** Ingħata merħba lill-Kunsillier Dr. Rita Mifsud li ġiet maħtura kunsillier wara r-rizenja tal-Kunsillier Miriam Portelli. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li Dr. Rita Mifsud ser tingħata r-responsabbilitajiet li kellha Miriam Portelli li huma l-ħidma soċjali u żgħażagħ.

3. **Minuti.** Il-minuti tal-laqgħa numru sittax (16) tas-seba' Kunsill ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċċjali.

4. **Anzjani Irġiel.** Saret il-laqgħa mal-Arċipriet u diversi persuni oħra fuq is-sit fi Triq it-Tiġrija nhar l-Erbgħa 3 ta' April. Kienu preżenti s-Sindku, Viċi Sindku, Kunsillier – Josianne Cutajar u Maria Natoli flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. L-Arċipriet ser jorganizza quddiesa u bibita f'dan il-post nhar l-Erbgħa 1 ta' Mejju. Il-bibita ser tiġi mħallsa mill-Kunsill.

5. **Muzew Marittimu.** Inġibdet l-attenzjoni li l-Muzew Marittimu qed ikun magħluq. Dan għaliex fil-passat kien hemm ħaddiem tal-gvern assenjat ma dan il-post. Wara l-elezzjoni dan ma baqax hemm. Peress li din il-propjeta hija tal-knisja, l-knisja (l-arċipriet) trid tagħmel talba sabiex jerġa jingħata persuna għal ma dan il-post.

6. **Korrispondenza.**

(4517) Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Leave Planning and Accumulation
(4518) Kwotazzjoni mill-Enemalta għas-street lighting fi Triq L-Inzul tal-Franċiżi.
(4519) Ittra mill-Uffiċċju tal-Kummissjoni elettorali dwar elezzjoni każwali
(4520) Email mill-Kap ta' l-Iskola Primarja tan-Nadur dwar playground tal-Kindergarten.
(4521) Stima mingħand Xerri's Garden Centre għal-bexx tas-siġar tal-Palm
(4522) Administrative and Technical grid dwar tender 1/2013 – Upgrading of Alleys at St. Blas
(4523) Ittra mis-Soċjeta Filarmonika Mnarja dwar Kunċert tal-Banda fl-Imnarja

**Charles Said, Sindku**  **Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**

(4524) Avviż mill-Kummisjoni Elettorali
(4525) Email mingħand Nathan Farrugia dwar Eco Gozo Race
(4526) Acknowledgement mingħand it-Transport Malta dwar talba għal sinjali sofor fi Triq l-Imgarr
(4527) Email mingħand Brian Portelli dwar tieġ f'Daħlet Qorrot
(4528) Notifika mill-MEPA dwar Monument fi Triq it-Torri ta' Kenuna
(4529) Korrispondenza dwar il-Malta Records Festival
(4530) Ittra mill-Avukat Jean Paul Grech f'isem Maria Cassar dwar il-fanal u mera fi Triq it-Tramuntana
(4531) Acknowledgement mill MEPA dwar applikazzjoni għal UIF (monument).
(4532) Memo 8/2013 – Direzzjoni dwar l-ewwel laqgħa tal-Kunsill Lokali
(4533) Memo 7/2013 – Ftuħ ta' ufficini tal-kumitati reġjonali, tal-Kunsilli Lokali u tal-Kumitati Amministrattivi s-Sibt 30 ta' Marzu – Sibt il-Għid
(4534) Memo 6/2013 – Awguri u Ringrazzjament tas-Servizz li tajtu lill-Komunita'
(4535) Ittra mill-Għaqda Armar Triq Diċembru 13 dwar attivita ta' bejgħ ta' xtieli
(4536) Acknowledgement mid-Dipartiment Proprjeta' tal-Gvern dwar Monument fi Triq it-Torri ta' Kenuna
(4537) Ittra minn Dione Lautier (Grapes wine Bar) dwar attivita nhar is is-Sibt 10 ta' Awwissu f'Dahlet Qorrot
(4538) Invit mill-Portugal għall-laqgħa tac-Charter tas-sajf.
(4539) Email mingħand Fame Music Events (Joseph Spiteri) dwar attivita f'Dahlet Qorrot
(4540) Stqarrija mill-Kunsilliera Josianne Cutajar u Maria Natoli dwar nuqqas ta' informazzjoni.

7. **Siġar tal-Palm.** Il-Kunsill ġabar stima biex isir il-bexx obbligatorju fuq is-siġar tal-Palm. L-istima intelgħet għal madwar €4300 fis-sena. Għalhekk il-Kunsill ser joħroġ talba għall-kwotazzjoni ufficcjali kif inhu obbligat bil-liġi.

8. **Maratona tal-Eko Għawdex.** Is-Sindku rċieva email mingħand is-Sur Nathan Farrugia li huwa inkarigat mill-maratona tal-Eko Għawdex li ssir darba fis-sena. Il-maratona kienet spiċċat fin-Nadur fis-sena preċedenti. Din is-sena s-Sur Farrugia talab sabiex it-tluq kif ukoll l-għeluq tal-maratona tkun fin-Nadur. L-email waslet għand is-Sindku wara l-aħħar laqgħa tal-Kunsill u l-maratona kellha ssir is-Sibt 6 ta' April. Il-Kunsill ġie mitlub permess biex issir din il-maratona u biex jagħti refreshment lill-parteċipanti kif jaslu fil-"finish line". L-organizzaturi kienu ser jorganizzaw party (ikla) huma filgħaxija fil-pjazza. Il-Kunsillier Josianne Cutajar ilmentat li hi kif ukoll Maria Natoli ma ġewx informati dwar din l-attivita. Is-Sindku qal ma ġewx informati peress li din l-informazzjoni waslet għandu wara l-laqgħa tal-Kunsill u kienet ser issir fi żmien qasir. Il-Kunsill ma kellux involviment dirett fiha u fil-fatt hu ma kienx preżenti fl-għeluq ta' din il-maratona. Il-Kunsillier Eucharist Camilleri ġie informat bħala president tan-Nadur Youngsters Football Club peress li dawn talbu li jkollhom aċċess għax-"showers" tal-club tal-Futbul. Josianne Cutajar insistiet li peress li l-Kunsill offrilhom "refreshments" il-Kunsilliera kellhom jkunu mistiedna biex jkunu preżenti.

9. **Urban Improvement Funds.** Il-Kunsill għandu żewġ applikazzjonijiet pendenti mal-fondi tal-UIF. Dawn huma għat-tibdil tal-"litter bins" tal-Pjazza u biex issir monument/tifkira fi Triq it-Torri ta' Kenuna. Anke jekk dawn l-applikazzjonijiet jiġu approvati l-Kunsill jibqgħalu madwar €30,000 f'dan il-fond. Is-Sindku ssuġġerixxa li jsiru xi sqaqien fiċ-ċentru tar-raħal bil-paving (jew cobble stones jew porfido). Il-Kunsilliera qablu ma dan is-suġġeriment.

Hu ssuġġerixxa l-isqaq fi Triq Diċembru 13 ħdejn ir-residenza ta' Muscat (ta' Pupla) u fejn tal-MUSEUM tas-Subien, Triq Dun Ġorġ Preca. Maria Natoli ssuġġeriet sqaq fi Triq San Gwann. Ingibed l-attenzjoni li sqaqien li ssuġġerixxa s-Sindku huma frekwantati ħafna iżda l-isqaq l-ieħor ma tantx jintuża. Għalhekk ġie deċiż li napplikaw għal fondi (UIF) sabiex issir pavimentar ta' Sqaq fi Triq Dicembru 13 u fi Triq Dun Gorg Preca. Ġie inkarigat il-perit Robert Grech għal dan ix-xogħol u applikazzjoni.

10. **Bank fi Triq Dun Gwann Camilleri.** Il-Kunsill irċieva lment dwar l-imblokkar tal-bankina fi Triq Dun Gwann Camilleri minħabba bank imwaħħal mill-Kunsill preċedenti. Josianne Cutajar qalet li hi ma tafx fejn hu dan il-bank u kemm hu kbir. Is-Sindku, Viċi Sindku, kunsilliera Maria Natoli u Dr. Rita Mifsud qablu li l-bank għandu jinqala peress li hemm ilment u qed jimblokka l-bankina. Josianne Cutajar astenjiet minn din id-deċizjoni minħabba li ma tafx fejn hu l-bank u hux verament qed jimblokka l-passaġġ u għaliex dan kien ilment unanimu. Is-Sindku semma wkoll li dan l-aħħar tneħħa bank li kien hemm fi Triq ir-Ramla, liema bank kien jintuża ħafna u tnehha mill-Gvern Centrali. Semma wkoll li kellu talba biex jitwaħħal bank quddiem residenza fi Triq it-Telegrafu fuq bankina u li dan mhux ser isir mill-Kunsill.

11. **Bini ta' Ħajt.** Il-Kunsill irċieva talba mingħand Frencu Sultana dwar ħajt fi Triq Dahlet Qorrot li waqa għal ġol-għalqa tiegħu. Dan il-ħajt qiegħed perikoluz għaliex jista jkompli jaqa. Is-Sindku qal li hemm bżonn li jerġa jinbena. Josianne Cutajar ilmentat li hemm xogħolijiet oħrajn fuq il-lista u mhux ġust li dawn jinqabzu u qed isiru rampi fir-raba. Is-Sindku rrimarka li għadu kif sar passaġġ f' San Blas li kien fuq il-lista – dan kien jirrikjedi ħafna spejjez u xogħol. Il-ħajt ta' Daħlet Qorrot huwa urġenti u x-xogħolijiet għandhom isiru skont il-ħtiega tagħhom. Il-Kunsilliera qablu li l-ħajt fi Triq Dahlet Qorrot għandu jinbena kemm jista jkun malajr.

12. **Laqgħa tal-European Charter of Rural Communities.** Il-Kunsill irċieva uffiċjalment l-invit għall-laqgħa tac-Charter f'Lulju fil-Portugal. Kif kien ġie diskuss f'laqgħat preċedenti ġie deċiż li l-Kunsilliera kollha flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv ser jattendu għal din il-laqgħa. Gew mistiedna wkoll erbgħa żgħażagħ. Josianne Cutajar informat lill-Kunsill li hemm żagħżagħ fil-Youth Council li jixtiequ jattendu għal din il-laqgħa. Is-Sindku qal li hemm żgħażagħ oħra wkoll li jixtiequ jattendu għal din il-laqgħa w li ilhom li talbu biex ikunu nklużi mad-delegazzjoni. Josianne Cutajar qalet li hi tixtieq tattendi bħala żgħażugħa peress li dawn jieħdu allowance akbar u hi ma taħdimx. Is-Sindku qal li Ylenia Azzopardi għandha tkun waħda mir-rappreżentanti f'din il-laqgħa.

13. **Attivitajiet fin-Nadur.** Il-Kunsill irċieva ittra mill-Ministeru għal Għawdex dwar quddiesa f'Ta' Pinu għan-nisa anzjani fl-okkazzjoni ta' Jum l-Omm nhar il-Ħadd 12 ta' Mejju. Kopja ta' l-ittra ser tintbagħat lid-Day Care Centre

organizzat mill-Kunsill. Il-Kunsill irċieva email mingħand Joseph Spiteri f'isem Fame Music Events sabiex jingħataw permess biex issir attivita f'Daħlet Qorrot nhar il-Ħadd 30 ta' Gunju jew nhar il-Ħadd 7 ta' Lulju. Il-Kunsill mhux ser jagħti permess ghal Ħadd 30 ta' Gunju peress li ser ikun hemm attivita' oħra organizzata mill-Kunsill u għaqdiet tan-Nadur f'dan il-jum. Il-Kunsilliera ma sabux oġġezzjoni biex issir attivita' nhar il-Ħadd 7 ta' Lulju fil-bajja ta' Dahlet Qorrot izda bil-kundizzjonijiet imsemmija: il-bajja u triq ta' Dahlet Qorrot għandhom ikunu aċċessibbli l-ħin kollu. Is-sidien u mistiednien tal-għerien (boathouses) għandhom ikollhom aċċess għall-propjeta tagħhom. L-organizzaturi huma responsabbli għat-tiindif, sigurta, mobile toilets u ħsarat jew inċidenti li jistgħu jinqalghu. Il-Kunsill irċieva talba ukoll biex issir attivita minn Grapes Wine Bar bil-kollaborazzjoni tan-Nadur Youngsters F.C. f'Daħlet Qorrot nhar is-Sibt 10 ta' Awwissu. Il-Kunsilliera ma sabux oġġezzjoni għal din l-attivita sakemm jiġu osservati l-istess kondizzjonijiet li ngħataw lil organizzaturi imsemmi aktar 'l fuq. Il-Kunsill irċieva talba ukoll biex isir tieġ fil-bajja ta' Daħlet Qorrot nhar is-Sibt 23 ta' Awissu 2014. Dan ukoll ingħata permess dejjem bl-istess kondizzjonijiet imsemmija aktar il-fuq.

14. **Dawl fi Triq l-Inżul tal-Franċizi.** Il-Kunsill irċieva stima mingħand l-Enemalta sabiex issir "street light" fi Triq l-Inżul tal-Franċiżi. Huma talbu €2234 biex jgħaddu l-cables meħtieġa. Dan l-ammont ma jinkludiex il-bozza u l-installazzjoni. Il-Kunsilliera qablu li dawn ir-residenti għandhom dritt li jkollhom dawl fit-triq ħdejn ir-residenza tagħhom.

15. **Leave tal-Ħaddiema.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li tgħid li mhux mhux permess li jinżamm il-leave kollu għall-aħħar tas-sena. Il-Ħaddiema għandhom jieħdu ħsieb li iqassmu l-leave tagħhom matul is-sena kollha. Il-Kunsill ser jimxi ma dawn l-istruzzjonijiet u diġa nforma lill-ħaddiema kollha inkluż dawk li huma assenjati mal-Kunsill dwar dan.

16. **Stqarrija minn Josianne Cutajar u Maria Natoli.** Kif ġiet pprezentata l-korrispondenza dwar il-ħatra tal-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud, Josianne Cutajar ppreżentat stqarrija (korrispondenza numru 4540) minnha u minn Maria Natoli. Fl-istaqqrija ġie allegat li s-Segretarju Ezekuttiv naqset milli tinforma lil dawn iż-żewġ kunsilliera dwar ir-riżenja tal-Kunsillier Miriam Portelli u li kien ser ikun hemm elezzjoni każwali. Huma semmew ukoll ħarġa ta' l-anzjani li saret f'Settembru 2012 li diġa ġiet diskussa u mminutjata fil-laqgħa numru 11 (bid-data ta' 16 ta' Ottubru 2012) . Is-Segretarju Eżekuttiv, Rita Mifsud Attard informat lill-Kunsilliera li hi mxiet skond ir-regolamenti tal-Kunsill Lokali u meta irċiviet ir-riżenja tal-Kunsillier Miriam Portelli, informat lill-Kummissarju Elettorali, lis-Segretarju Parlamentari Jose' Herrera u lid-Direttur tal-Kunsilli Lokali. Informat ukoll lis-Sindku tal-Kunsill Charles Said. Fil-fatt il-kunsillier Eucharist Camilleri ikkonferma li hu ġie informat dwar ir-rizenja tal-Kunsillier Miriam Portelli

direttament minn Miriam Portelli. Is-Segretarja spjegat li hi mxiet skond ir-regolamenti tal-Kunsill u ghalhekk ma seta' kien hemm ebda nuqqas kif allegat mill-kunsilliera Josianne Cutajar u Maria Natoli.

17. **Playground Gdid.** Is-surmast ta' l-Iskola Primarja tan-Nadur qed jirranġa playground żgħira fil-ġenb ta' l-Iskola għal użu tal-klassijiet tal-prekinder u kinder. Il-kunsill tan-Nadur diġa ta xi play equipment li kellu għal dan il-għan. Hu talab sabiex il-Kunsill iħallas parti mill-ispejjes biex jinxtara aktar play equipment. Dan ikun bħala ħlas tal-użu tal-klassijiet għal korsijiet tas-sajf u Child Day Care centre tas-snin 2012 u 2013. Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill iħallas sa €400 għal dan il-għan. Il-Kunsilliera ġew mistiedna sabiex jattendu l-ftuħ uffiċċjali ta' dan il-ground nhar il-Gimgħa 3 ta' Mejju.

18. **Kunċert tal-Banda Mnarja.** Il-Kunsill ġie mitlub biex bħas-snin ta' l–imgħoddi jerga jikkollabora mal-Kumitat tal-Banda Mnarja biex jittella' l-kunċert tal-banda fi żmien ta' l-Imnarja. Il-Kunsilliera qablu li l-kunsill jgħin f'din l-attivita' kulturali u alloka €1165 għal dan il-għan.

19. **Kwotazzjonijiet għar-Restawr tal-Monument Dun Salv Vella**. Il-Kunsill ħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet għar-restawr tal-Monument Dun Salv Vella (7/2013) li jinsab quddiem l-Iskola Primarja tan-Nadur. Kien hemm żewġ kwotazzjonijiet mitfuha. Dawn kienu ta' Michael Camilleri Cauchi bil-prezz ta' €1,100 u ta' Victor Agius bil-prezz ta' €957. Il-Kunsill għażel l-aktar kwotazzjoni vantaġjuza li hija ta' Victor Agius.

20. **Kuntratt ta' Gbir ta' Skart.** Il-Kunsill ġie avviċinat mill-Kuntrattur KIP Għawdex Ltd. dwar l-offerta tagħhom NLC 08/2010 (Collection of Household Waste). Il-qorti ta' l-appell iddecieda nhar il-Hamis 17 ta' Mejju 2012 li din kienet l-unika offerta valida. Għalhekk il-KIP qed jinsisti li m'hemm l-ebda raġuni ghaliex l-offerta m'ghandiex tiġi aċċettata. Il-Kunsilliera qablu li għandha tingħata din l-offerta bir-rati ta' €190 l-ewwel sena, €200 it-tieni sena, €210 it-tielet sena u €220 r-raba sena għall kull ġurnata li jinġabar l-iskart irrispettivament jekk jinġabarx ħames darbiet fil-ġimgħa jew inqas. Dan il-kuntratt għandu jibda fl-ewwel ta' Lulju sabiex il-Kunsill ikollu ċans jinforma lir-residenti dwar il-bdil tas-sistema. Dan għaliex l-iskart riċikklabbli ser jibda jinġabar nhar ta' Tlieta u f'dak il-jum ma jinġabarx skart imħallat.

21. **Ħarġa għall-Anzjani f'Malta**. Il-Kunsill ser jorganizza ħarġa għall-anzjani nhar il-Gimgħa 24 ta' Mejju 2013. Eucharist Camilleri issuġġerixxa li jmorru jaraw il-film 5D fil-belt u Dr. Rita Mifsud ser tiehu hsieb tagħmel kuntatt mal-operaturi sabiex tigbor kwotazzjonijiet dwar il-mizati ghad-dhul. Is-Sindku ssuġġerixxa li niehdu lill-anzjani jaraw il-"Family Park" f'Wied il-Għajn ukoll. Għandu jiġi mfassal il-programm u jsir avviz fil-bullettin.

**Charles Said, Sindku**



**Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**

22. **Korsijiet għas-Sajf u Child Day Care Centre.** Is-Segretarja ppreżentat lista tal-korsijiet li ġew offruti fis-sajf 2012. Kien hemm qbil li dawn jerġgħu jiġu offruti. Josianne Cutajar issuġġeriet li nistaqsu lir-residenti x'jixtiequ huma bħala korsijiet. Din għandha titniżżel fl-applikazzjoni wkoll. L-applikazzjoni ser titqassam mal-bulletin. L-avviz ser jitpoġġa wkoll fuq il-facebook kif ukoll fuq il-website tal-Kunsill.

23. **Business Plan.** Il-Business Plan għas-snin 2013-2015 ġiet amendata u approvata.

24. **Sqaqien.** Il-Kunsill irċieva r-rapport ta' evalwazzjoni mingħand il-perit dwar l-offerti ta' "Upgrading Alleys in St. Blas with Porfido". Waħda mill-offerti ma kelliex il-program of works kif meħtieġ u kellha żball fis-somma. Iżda din kienet l-aktar waħda għolja mill-offerti.

Kien hemm ħames offerti mitfugħa. Il-prezzijiet kienu kif ġej:

| | |
|---|---|
| V&M Vella Importers | €24,805.78 |
| Gatt Tarmac Ltd. | €14,014.35 |
| Joseph Mercieca | €21,578.00 |
| AF Ellis Ltd. | €18,430.00 |
| Simon Sultana | €14,943.00 |

Is-Sindku Charles Said għamel mozzjoni biex din l-offerta tingħata lill-aktar waħda vantaġġjuża li hija ta' Gatt Tarmac Ltd. Eucharist Camilleri issekonda l-mozzjoni. Il-mozzjoni għadiet unanimament.

25. **Financial Statements.** Gew ippreżentati l-Financial Statements (audited). Dawn ġew approvati mill-Kunsill.

26. **Speed Hump fi Triq San Guzepp.** Is-Sindku qal li hu rċieva diversi lmenti dwar li-speed hump li hemm fi Triq San Guzepp. Hu ssuġġerixxa li din tinqala. Kien hemm qbil li din għandha tinqala peress li hemm l-ilmenti mir-residenti tal-istess triq.

27. **Triq ta' Grunju.** Il-Kunsill nnota li twaħħlu xi tabelli fi Triq ta' Grunju (Qala) li jindikaw li f'parti mit-triq ser issir xogħol ta' resurfacing mill-Kunsill Lokali Qala flimkien mal-Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsilliera qablu li t-triq kollha qeda fi stat ħażin ħafna u li jekk ser issir ghandha ssir kollha u mhux biss parti minnha kif donnu huwa indikat permezz tat-tabelli. Is-Segretarja għandha tibgħat korrispondenza lill-Kunsill Lokali Qala biex tara x'xogħol ser issir.

28. **Laqgħa mar-Rapprezentant għal-Ministeru għal Għawdex.** Saret laqgħa mal-liason officer tal-Ministeru għal Għawdex għall-Kunsilli Lokali, s-Sur Philip Vella. Il-Kunsill ta' lista ta' xogħolijiet bżonjuzi fit-toroq arterji tan-

Nadur. Ġie ssuġġerut li ssir laqgħa mal-Ministru fil-futur biex jiġi diskuss programm ta' ħidma.

29. **Karnival 2014**. Is-Sindku qal li hu ġie avviċinat minn Banda barranija biex tieħu sehem fil-Karnival 2014. Dawn jirrikjedu akkomodazzjoni, ikel, transport lokali u programm ta' attivitajiet matul il-ġranet li jkunu hawn. Il-Kunsilliera qablu fil-prinċipju li tingieb banda barranija iżda talbu li jkunu jafu kemm hemm persuni fil-banda sabiex inkunu nistgħu naħdmu l-ispejjes involuti.

30. **Tinda għall-partita tal-boċċi.** Josianne Cutajar staqsiet x'sar mit-talba għat-tinda għal fuq il-partita tal-boċċi f'San Blas. Is-Segretarja nformata li l-Kunsill ħareġ talba għall-kwotazzjoni pubblika darbtejn biex issir din it-tinda iżda ħadd ma tefa' kwotazzjoni. Josianne Cutajar qalet li dan għaliex hemm bżonn li ssir tinda bl-istruttura tal-ħadid u mhux kif kien ġie mitlub fil-bidu. Biex issir hekk il-Kunsill irid jonfoq ħafna iżjed milli kien ippjanat. Is-Sindku ssuġġerixxa li għalissa l-Kunsill jipprovdi xibka ħadra kif ikun hemm fil-pjazzetta fil-wirja agrarja.

31. **Affarijiet oħra.** Josianne Cutajar qalet li hi ġiet avviċinata minn Carmen Vella dwar bżonn li l-passaġġ f' tax-Xini jsir bit-turba. Qalet ukoll li hemm ċint baxx fi Triq ġdida f' Triq San Blas (fejn hemm bank) u li hemm tabella ta' l-Enemalta li tindika li hemm periklu u din it-tabella ma għadiex tidher. Talbet sabiex il-bankina ta' Spedito Said tiġi rranġata u li jsir bank fis-soft area fi Triq il-Qala. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li din is-soft area hija fi Triq arterjali u mhux responsabilta tal-Kunsill. Josianne Cutajar talbet biex fin-newsletter tal-Kunsill li jmiss ikun hemm informazzjoni mill-Kunsill taż-żgħażagħ. Maria Natoli qalet li hemm passag fi Triq Għajn Qasab li għandu bżonn tiswija bit-turba. Maria Natoli qalet li kellha talba sabiex l-Arriva jkollha rotta minn Tal-Hali għall-Pjazza tan-Nadur dirett.

Il-laqgħa ntemmet fit-8:30 p.m. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa 15 ta' Mejju 2013 fil-5:00 ta' filgħaxija.

**Charles Said, Sindku** **Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**